Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 257 :: OTTUBRU, 2017

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU 2017

**Nhar il-Ħadd, 17 ta' Settembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza Programm Mużiko-Letterarju, fis-sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm li għalih attendew madwar 70 membru tal-komunità Maltija.**

**Bdejna biex skużajna ruħna minħabba li ma kellniex aċċess għas-"sound system" u lanqas mikrofonu, imma xorta waħda kollox mar sewwa.**

Din is-sena ma kellniex il-mużiċisti tas-soltu minħabba li kellhom xi membri l-isptar u oħrajn li kienu msifrin. Imma l-President, Dr Victor Sammut, salvana fl-aħħar minuti u organizza l-mużika u l-kant mill-familja tiegħu, li kulħadd ħa pjaċir bihom u veru ħaqqhom prosit kbir.

Bħas-soltu bdejna bl-Innu Malti u dak Awstraljan fejn it-tifla ta' Victor u Doris Sammut, Amanda Steidle, kantat u daqqet l-Innijiet fuq il-kitarra.

Il-PRO, Paul Vella, ta merħba lil dawk preżenti fejn introduċa lill-Viċi President, Marie Louise Anastasi, fejn fost affarijiet oħra introduċiet lill-President, Dr Victor Sammut li tana rendikont ta' dak li l-Grupp għamel matul is-sena. Huwa fisser l-għan tal-Grupp, u qal li niltaqgħu darba kull xahar u stieden lil dawk preżenti li forsi jitħajru jsiru membri. Tkellem fuq il-folju tagħna li jasal għand madwar 500 ruħ fuq l-internet, organizzat minn Paul Vella bl-għajnuna tal-membru Rose Lofaro.

Wara l-messaġġ tal-President kien imiss lin-neputijiet ta' Victor u Doris li tawna reċta qasira: "Jack and the Beanstalk". Ħadu sehem Ronin u Coen (ulied it-tifel Raphael); Zoe u Leo (ta' binthom Amanda) kif ukoll (adulti) Amanda, Cecilia, Janette u Doris. Din ir-reċta intlaqgħet tajjeb ħafna mill-udjenza.

Wara dan beda l-qari. Victor Sammut qralna "Il-Papa u l-Lhud" u "Sabiħa l-Ħajja?" u warajh smajna lil Manwel Cassar li qralna numru ta' epigrammi. Rosemary Attard qrat żewġ poeżiji ta' Joe Saliba (illum mejjet): "Barbecue" u "Għasfur tal-Bejt"; filwaqt li Charles Attard qralna żewġ poeżiji ta' Manwel Nicholas-Borg (illum mejjet): "Ħmura" u "Tfulija fl-Irġulija"

Wara intervent mużikali minn Amanda, Cecilia u Victor, Rose Lofaro qrat proża ta' Dr Clemente Zammit (li ma setax ikun magħna): "Suspetti Bla Rażan".

Wara li Ġużi Camilleri qralna żewġ prożi minn tiegħu: "Il-Ħajja tar-Ragħaj u Martu" u "Franġiska" wasalna għal intervent mużikali ieħor u din id-darba Amanda kantat il-kompożizzjoni tagħha "Thirty Years in Australia" li hi kitbet fl-okkażjoni meta l-familja Sammut iċċelebraw dan l-avveniment fid-9 ta' Mejju ta' din is-sena. Kanzunetta sabiħa ħafna.

Imbagħad kien imiss lil John Muscat li qralna żewġ poeżiji tiegħu: "Ix-Xita" u "Lid-Dinja". Manwel Casha kiteb erba' poeżiji li Paul Vella qara minħabba li Manwel ma setax ikun magħna: "Lill-Poeta", "Lil Karmnu", "Lil M.M." u "Fid-Dell ta' Vestru".

Hawn waqafna għall-intervall fejn kulħadd kellu ċ-ċans jieħu kikkra te jew kafe`, kejks u gallettini li ġew ipprovduti b'xejn mill-Grupp.

Wara l-intervall, Rose Lofaro qrat żewġ poeżiji tal-membru tagħna li jgħix fi Queensland, Nazzarene Zerafa, li avolja jinsab tant 'il bogħod huwa membru attiv ħafna: "Metamorfosi" u "Mument Ikrah, Mudlam, Sewdieni". Marie Louise Anastasi qrat żewġ poeżiji tagħha: "Mejju f'Malta" u "F'Inżul ix-Xemx". Hawn kien imiss lil George Portelli li qralna poeżija sabiħa tal-Professur Oliver Friggieri: "Hekk Biss Ikun Poeta".

Wara li Michael Xuereb qralna żewġ poeżiji tiegħu: "Il-Mara bl-Għonella" u "Is-Skiet" kellna intervent mużikali ieħor minn Amanda, Cecilia u Victor.

Bdejna noqorbu lejn it-tmiem u hawn kien imiss lil Paul Vella li qralna l-proża tiegħu stess: "Pietru u Sant' Antnin', u fl-aħħar Fredu Cachia qralna erba'poeżiji li kiteb huwa stess: "Barumbara", "Għidtilha Nħobbok", "Imnarja 2017" u "Mill-Vrus Maltin".

Spiċċajna b'intervent mużikali ieħor, din id-darba minn Simone Cremona, li għalkemm ma setetx tkun magħna xorta bagħtet materjal fuq il-laptop.

Wara li ħadna ritratt għall-okkażjoni kulħadd mar fil-foyer taċ-Ċentru biex ħadna kikkra te jew kafe`, "pies" u "sausage rolls", kejks u gallettini li kollox ġie pprovdut b'xejn mill-Grupp.

Ringrazzjament lil dawk kollha li għenu biex dan l-avveniment ikun suċċess, speċjalment lil Salvina Vella (Social Secretary) li għamlet ix-xiri u t-tisjir u lil Doris Sammut u Sunta Sultana tal-għajnuna tagħhom fil-kċina u t-tqassim tal-ikel. Grazzi lil Paul Vella u Rose Lofaro għall-ktieb li fih kien hemm il-materjal kollu moqri fil-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena.

***(Aktar ritratt Paġna 2)***



# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU 2017













# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Ottubru, 2017,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## *Ittri/Emails li nirċievu...*

Għażiż Paul, Grazzi għall-kopja tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija ta' Victoria, ħarġa ta' Settembru 2017. Din il-ħarġa hi bħas-soltu mimlija tagħrif interessanti dwar dak li qed jiġri b'risq il-letteratura Maltija kemm Malta kif ukoll l-Awstralja. Napprezza ħafna l-ħidma wtieqa tiegħek favur l-ilsien għażiż tagħna, il-Malti u nemmen li hu ta' sodisfazzjon għall-awturi Maltin li jaraw tant tagħrif dwar xogħlijiethom fuq il-folju tagħkom. Grazzi mill-ġdid u tislijiet.

***Carmel G. Cauchi.***

Grazzi Paul, Daqstant 'il bogħod u jirnexxilek tiġborna flimkien. Sliem.

***Sergio Grech***

Grazzi ħafna u prosit għażiż Paul, napprezza. Kemm xogħol, kemm imħabba. Nittama li kollox ward u żahar għalikom u mingħajr ksiħ esaġerat; fil-kas ibagħtulna naqra Grazzi mill-ġdid
Mario Tabone-Vassallo

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Settembru. Laqatni l-kontenut kollu għax nieħu gost naqra aħbarijiet dwar pubblikazzjonijiet ġodda u l-validità kontributtiva ta' awturi ċelebri bħal Alfred Palma, Oliver Friggieri, Karmenu Mallia u aktar. Permezz ta' dan il-folju, fost oħrajn, il-garanzija li l-ilsien u l-letteratura tagħna l-Maltin, ma jintilfux, għadha attiva. B'imħabba:

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Grazzi tal-fuljett u talli semmejtli l-Ballati tiegħi. Kontenut tajjeb ħafna. Multa in parvo. B'tislijiet.

***Karmenu Mallia.***

Paul, prosit u grazzi dejjem tal-folju letterarju li tibgħatli. Nieħu gost immens naqrah għax ikun mimli tagħrif interessanti. Nawguralkom li tkomplu għaddejjin b'dan ix-xogħol prezzjuż favur l-ilsien u l-letteratura Maltija.
Tislijiet lilek u lil Salvina,

***Charmaine Tanti mill-Mosta***

# Dwett għal Żewġ Vjolini — *rumanz ta' Lina Brockdorff*




F'dan ir-rumanz Lina Brockdorff tlaqqagħna ma' Rosalie, tfajla li tħobb il-mużika, speċjalment il-vjolin. L-ambjent Malti jispikka ħafna f'dan ir-rakkont. Rosalie jkollha missierha u ommha Qriema, li kienu bil-forn qabel f'Ħal Qormi, imma fl-istorja nsiru nafu li bil-flus li qalgħu jixtru post f'żona prominenti f'Tas-Sliema.

Ommha, li kienet taf titkellem bl-aċċent ta' Ħal Qormi, issibha diffiċli biex issa tibda tintegra hemmhekk, ġo din il-Belt fejn niesha jitkellmu l-aktar bl-Ingliż. Infatti naraw mumenti umoristiċi ħelwin bejnha u bejn il-ġara, biex jagħmel dan ir-rumanz tassew attwali u jappella għal kulħadd. Ejjew ngħidu l-verita', xi ftit jew wisq, meta ssib xi żewġ ġirien impikati flimkien, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Il-ġara tagħhom kellha żewġha perit u jkollhom wild wieħed li missieru kien iffissat li jridu perit bħalu. U fuq kollox tinbet xi ftit għira wkoll għaliex omm Rosalie xtaqet li biswit il-bieb ta' barra, ikollha plakka wkoll bħal tal-ġara, li tgħid li ġo dik id-dar hemm professjonist.

Intant, missier Rosalie jsir negozjant kbir għaliex jiftaħ ħanut tal-kafè li kien imfittex minn ċerti nies ta' klassi u popolari magħhom. U mhux l-ewwel darba fil-ħajja li l-aqwa għedewwa, jispiċċaw l-aqwa ħbieb! Taraw kif meta taqraw ir-rumanz.

F'dan ir-rakkont hemm storja fi storja fejn tidħol l-imħabba. Mela l-maestro ta' Rosalie jaħtarha b'biċċa xogħol importanti hekk kif ikun ġej il-Milied: dik li ddoqq dwett tal-opra ta' Thias 'Il-Meditazzjoni'. Din l-esperjenza ddaħħalha biex tieħu parti emottiva fl-istorja tal-opra li hija kellha ddoqq ma' Frank, vjolinist bravu li jiġi mill-Awstralja u li kien ġa daqq u ħa sehem f'okkażjonijiet mużikali kbar. Bejnhom it-tnejn tinbet l-imħabba, imma Frank ma kienx joqgħod f'Malta u jinqalgħu intoppi li jħallu lill-qarrej bil-ktieb f'idejh sakemm tasal lejn tmiem l-istorja.


Amanda Busuttil


Lina Brockdorff

X'jiġri tgħid, Rosalie jirnexxilha tilħaq il-maħbub tagħha avolja mill-bogħod? Ladarba jkun mar lura l-Awstralja, iż-żewġ maħbubin jirnexxilhom jinħabbu? 'Dwett għal Żewġ Vjolini' huwa r-rumanz li qed jistennik taqbdu f'idejk u ssir taf din l-istorja romantika mill-isbaħ! — ***Amanda Busuttil, Settembru 2017***

# Seminar dwar is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija

**Nhar it-30 ta' Settembru 2017 f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, bejn id-9.00am u s-1.00pm l-Akkademja tal-Malti organizzat seminar bit-tema 'Is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija'.**

Waħda mill-bosta funzjonijiet tal-lingwa hija l-funzjoni soċjopsikoloġika tagħha – il-lingwa tirrifletti ġerarkiji u mekkaniżmi ta' kif nidentifikaw ruħna u tikkontribwixxi għall-komunikazzjoni tal-ġeneru. Minħabba raġunijiet storiċi u soċjali, fost oħrajn, bosta lingwi tqiesu bħala lingwi li jirriflettu u jikkodifikaw viżjoni tad-dinja li tagħti importanza kbira lill-irġiel. Fi kliem ieħor, bosta lingwi tqiesu u għadhom jitqiesu bħala sessisti. Dan is-seminar jistħarreġ jekk il-lingwa Maltija tidħolx f'dan il-qafas u jekk iva, x'jista' jsir biex jitfasslu linjigwida biex jinħoloq lingwaġġ mhux diskriminatorju li jirrifletti rappreżentazzjoni aktar ġusta tal-irġiel u n-nisa fis-soċjetà Maltija kemm fuq livell ta' produzzjoni kif ukoll ta' komprensjoni tal-lingwa f'diversi oqsma.

Is-seminar ikkonsista f'seba' preżentazzjonijiet li esploraw it-tema minn aspetti differenti bħal, ngħidu aħna, id-differenza bejn is-sess, il-ġeneru u l-ġens grammatikali; il-kunċett tal-ġeneru mil-lat soċjali u lingwistiku; il-mekkaniżmi li għandha l-lingwa Maltija biex tiddistingwi bejn il-maskil u l-femminil; x'forma lingwistika nużaw biex nirreferu għal mara f'ċerti karigi, impjiegi jew professjonijiet; l-użu tal-maskil ġeneriku; id-deskrizzjoni tal-mara fil-qwiel Maltin; kif għandu jinkiteb rapport mingħajr preġudizzji sessisti; is-sessiżmu fil-lingwaġġ ġurnalistiku.

Il-kelliema ewlenin f'dan is-seminar kienu Dr George Farrugia, Thomas Pace, Angela Callus, Joseph Galdes, Renee Laiviera, Dr JosAnn Cutajar u John Zammit. Dr Mario Cassar, il-President tal-Akkademja mexxa s-seminar.

Il-membri tal-pubbliku ġew mistiedna jattendu u jipparteċipaw f'din l-attività.

# REV. VICTOR XUEREB S.J. (RIP)



Victor Xuereb twieled in-Naxxar fl-4 ta' Ottubru 1930 u wara li ħa l-edukazzjoni formali tiegħu kompla jistudja s-Seminarju. Fl-1949 huwa ngħaqad mas-Soċjetà ta' Ġesù (il-Ġiżwiti) u ssokta l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' Heythrop u fl-1956 ħa d-dottorat tiegħu. Huwa studja wkoll fl-Università ta' Oxford minn fejn iggradwa MA fil-Latin, fil-Grieg u fil-Filosofija (1961) u fil-Kulleġġ ta' Weston, f'Boston minn fejn iggradwa S. Th. L. (1965). Hemmhekk, fl-1964 ġie ordnat qassis mill-Kardinal Cushing. Rev. Xuereb kien membru fil-Bord tal-Fakultà tal-Università ta' Gonzaga, f'Washington, fejn għallem il-Latin, il-Grieg u t-Teoloġija (1965-1967). Fl-1967 kien maħtur Superjur tan-Novizzi f'Dar Loyola, fin-Naxxar u kien lettur tal-Iskrittura Mqaddsa fis-Seminarju ta' Għawdex. Huwa għallem ukoll f'Londra fil-Kulleġġ ta' San Injazju (1980-1982) u għallem il-Filosofija u d-Divinità fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fil-Fakultà tat-Teoloġija tas-Seminarju kif ukoll fl-Istitut tal-Istudji Reliġjużi. Huwa kien ukoll lettur fid-Dipartiment tal-Klassiċi, fl-Università ta' Malta.

Rev. Xuereb serva bħala Rettur fil-Kunvent ta' San Filippu fl-Isla (1982-1990 u 1994-2002) kif ukoll f'Dar Sarria fil-Furjana. Fl-1991 ngħata l-unur prestiġjuż Città di Valletta għal-letteratura. Rev. Victor Xuereb jibqa' magħruf għat-traduzzjoni tiegħu tal-Odissea (1991) u L-Ilijade (1997) ta' Omeru, kif ukoll ta' L-Enejde (2006) ta' Virġilju. Kien membru tal-Akkademja tal-Malti u serva wkoll fil-kunsill tagħha.

# FESTIVAL MALTI TAL-KTIEB 2017

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-Malta Book Festival 2017, A Riveting Workshop, se joffri lill-ġurnalisti u lil dawk kollha interessati fl-arti tar-reċensjoni letterarja l-opportunità li jingħaqdu mal-ġurnalisti Ingliżi Rosie Goldsmith u Max Easterman għal workshop dwar ir-reċensjoni u l-promozzjoni tal-kotba. L-attività ser iseħħ fit-tieni jum tal-Festival, il-Ħamis 9 ta' Novembru, u tibda fl-17:30.

Goldsmith u Easterman, it-tnejn kemm huma ġurnalisti ta' esperjenza twila mal-BBC, huma magħrufa sew għall-workshops tagħhom. Dawn il-workshops qosra u intensivi huma mfassla b'mod li jagħtu pariri, eżempji prattiċi, eżerċizzji qosra u taħdidiet motivazzjonali maħsuba biex jgħinu lill-ġurnalisti letterarji, edituri u pubblikaturi letterarji joħolqu reċensjonijiet ta' kotba u materjal promozzjonali effettiv għall-midja kollha.

L-attendenza għall-workshop hija bla ħlas iżda huwa neċessarju li dawk li jixtiequ jieħdu sehem jirreġistraw minn qabel. Dan jista' jsir direttament mis-sit tagħna (simona.cassano@gov.mt). Il-postijiet huma limitati u l-parteċipazzjoni hija fuq bażi ta' first come first served.

Rosie Goldsmith u Max Easterman imexxu l- European Literature Network fir-Renju Unit www.eurolitnetwork.com. Huma jxandru, jiktbu, jirrevedu, jittraduċu, itellgħu attivitajiet kulturali u jagħtu taħriġ fuq kitba u ġurnaliżmu madwar ir-Renju Unit u lil hinn.

ROSIE GOLDSMITH: Rosie Goldsmith hija ġurnalista multimedjali. Tispeċjalizza fl-arti u l-affarijiet internazzjonali. F'iktar minn 20 snin ta' ħidma għall-BBC hija daret id-dinja u kopriet avvenimenti bħall-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin u r-rivoluzzjonijiet fl-Ewropa tal-Lvant kif ukoll ippreżentat programmi ewlenin ta' BBC Radio bħal 'Front Row' u 'Crossing Continents'. Illum il-ġurnata, apparti x-xogħol tagħha fix-xandir, Goldsmith taħdem ukoll bħala kuratur u tippresiedi attivitajiet dwar affarijiet barranin, letteratura u l-arti, kemm fil-Gran Brittanja kif ukoll barra. Hija wkoll kittieba, esperta ta' taħriġ fil-midja u konsulent ta' Relazzjonijiet Pubbliċi. Titkellem bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u xi ftit bit-Taljan.

MAX EASTERMAN: Max Easterman huwa ġurnalist u għalliem rispettat. Irċieva bosta premjijiet għal xogħolu u għandu esperjenza kbira fit-taħriġ fuq xogħol ta' xandir, stampar u midja, kemm fil-Gran Brittanja kif ukoll madwar id-dinja. Ippreżenta u pproduċa xi wħud mill-programmi ewlenin tal-BBC (eż. 'The World Tonight' u 'Newshour'). Huwa għalliem kwalifikat u lecturer universitarju. F'diversi skejjel u kulleġġi ħoloq proġetti innovattivi ta' radju, multi-media u ġurnaliżmu. Easterman ħadem flimkien ma' wħud mill-ismijiet ewlenin fix-xandir. Jitkellem bosta lingwi u jikteb reċensjonijiet regolari ta' mużika jazz.

***STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA – IL-JUM EWROPEW TAL-LINGWI F'MALTA***

# FESTA TA' LINGWI FI PJAZZA SANT'ANNA

Nhar is-Sibt, 23 ta' Settembru, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, iċċelebrat il-Jum Ewropew tal-Lingwi fi Pjazza Sant'Anna, Tas-Sliema, bejn is-19:00 u d-21:00. Għall-ħames sena konsekuttiva, l-Għaqda tal-Malti – Università għenet fl-organizzazzjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni, li l-għan tagħha huwa li tippromwovi l-lingwi waqt li tagħti NGOs lingwistiċi oħra spazju fejn jistgħu jesebixxu l-materjal tagħhom ma' udjenza varjata.

Minbarra d-diversi rappreżentanti, skejjel u għaqdiet li kienu preżenti bl-attivitajiet tagħhom għall-pubbliku, fosthom ir-Russian Centre for Science and Culture in Malta, Malta-Japan Association, Malta Classics Association, DESA u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kull min ġie kellu ċ-ċans isegwi l-attivitajiet varji li kienu għaddejjin, fosthom wiri ta' film għat-tfal, qari ta' letteratura tradotta, mużika lajv, kif ukoll installazzjoni bi fliexken tal-ħġieġ riċiklati... b'sorpriża! Il-pubbliku kien imħeġġeġ jattendi u anke jħalli l-messaġġ tiegħu bl-aktar lingwa għal qalbu waqt din il-festa ta' lingwi!

Din l-attività kienet qiegħda ssegwi attività anċillari li saret fid-19 ta' Settembru fi Spazju Kreattiv, bl-isem ta' Żanżan Kelma, l-ewwel spelling bee bil-Malti.

Ħajr lill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, Spazju Kreattiv u Merlin Publishers.

# ŻANŻAN KELMA SPELLING BEE BIL-MALTI FI SPAZJU KREATTIV, IL-BELT VALLETTA

**Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Settembru, l-Għaqda tal-Malti – Università organizzat l-ewwel Spelling Bee bil-Malti fi Spazju Kreattiv, il-Belt Valletta, bejn is- 18:00 u t-20:00.**

Din l-attività ħadet forma ta' kompetizzjoni għal tfal bejn it-8 snin u t-13-il sena u kienet maqsuma f'żewġ sessjonijiet; l-ewwel waħda għal dawk bejn it-8 u l-10 snin u t-tieni waħda miftuħa għal dawk bejn il-11 u t-13-il sena.

Kull min applika biex jieħu sehem f'din l-attività, ingħata lista ta' 100 kelma li minnhom, dakinhar ġew mistoqsija 50, biex it-tfal jilħqu jsiru familjari mal-kliem. It-tfal f'kull sessjoni kienu qegħdin fuq palk u l-ewwel persuna ingħatat kelma biex tispelliha. Jekk il-kelma kienet tajba, tingħata punt, jekk le, il-kelma għaddiet għall-persuna ta' warajha. Dawk li ġew mal-ewwel tlieta minn kull sessjoni, ingħataw sett ta' kotba, ġentilment sponsorjati lilna mill-Merlin Publishers u barra minn hekk, dawk kollha li pparteċipaw f'din l-attività ingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Sabiex inkunu ċerti li l-kliem ikun qed jiġi spellut tajjeb, kellna lis-Sa Dorothy Bezzina bħala ġurija speċjali, li hija wkoll għalliema tal-Malti; magħha kien hemm ukoll 2 ġurija oħra li qegħdin jistudjaw il-Malti f'livell Universitarju. Il-pubbliku ġie mħeġġeġ japplikaw għal din l-attività u b'hekk, inkunu nistgħu nippromwovu l-Malti b'mod innovattiv. Din l-attività hija waħda anċillari li kienet segwita mill-Jum Ewropew tal-Lingwi, nhar it-23 ta' Settembru fi Pjazza Sant' Anna, Tas-Sliema, bejn is-19:00 u d-21:00.



# Assoċjazzjoni EspRimi

**Ftit tal-ġimgħat ilu, Dr Emmanuel Attard Cassar, poeta u edukatur ġieh il-ħsieb li joħloq Assoċjazzjoni kulturali fejn fiha kulħadd jista' jesprimi ruħu. Fittex u ġabar ftit individwi li seta' jserraħ moħħu bihom u hekk twieldet l- Assoċjazzjoni EspRimi.**

Kif imfisser fl-Istatut, l-għan aħħari tal-Assoċjazzjoni EspRimi huwa " ... multi-dixxiplinari mwaqqfa bil-għan li tipproponi u tħeġġeġ l-espressjoni ta' metodi ġodda u ħielsa tas-sentimenti u tal-aspirazzjonijiet tal-membri tagħha kif ukoll ta' mistednin permezz ta' kull forma ta' Arti, Viżwal, Letteratura, Żfin, Mużika, Xjenza, eċċ. ..."

L-ewwel Kumitat proviżorju ġie magħmul minn Dr Emmanuel Attard Cassar bħala President, is-Sur Salv Sammut Viċi-President, is-Sa Christine Marie Grech bħala Segretarju, Dr Mario Vincent Aloisio bħala Kaxxier, is-Sa Celine Ann Schranz bħala Uffiċjal għal Relazzjonijiet Pu

bbliċi u s-sinjuri Alfred Caruana Ruggier u Charles Mifsud bħala membri.

Mill-bidu nett, l-Assoċjazzjoni EspRimi bdiet il-ħidma tagħha billi l-ewwel li sar kien abbozz ta' statut u tħejjija għat-tnedija uffiċjali tal-Assoċjazzjoni u ħidma oħra biex tieħu sehem fil-proġett Valletta 2018 bil-parteċipazzjoni ta' Għaqda oħra, Laboratorio Poetico ta' Morbegno, mill-Italja. Wara ftit jiem li nħatar il-Kumitat proviżorju, L-Assoċjazzjoni EspRimi ġiet reġistrata bħala NGO u bdew il-kuntatti meħtieġa.

L-Assoċjazzjoni EspRimi m'għandhiex il-ħsieb li torganizza laqgħat fejn ikun hemm individwu wieħed li jitkellem hu biss u l-membri sempliċiment jisimgħuh. Iżda, fejn kull min jitkellem jagħti ħin biex min irid jieħu sehem f'diskussjoni matura jagħmel dan. Il-laqgħat li bi ħsiebha torganizza l-Assoċjazzjoni għandhom ikunu interattivi kemm jista' jkun biex hekk kull min jipparteċipa jkun jista' jakkwista sens kulturali ġdid.

It-tnedija uffiċjali ta' din l-Assoċjazzjoni saret nhar il-Ġimgħa, l-ewwel ta' Settembru fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone ġewwa l-Mosta, ġentilment misluf mis-Sur Joe Bartolo, President ta' dan ir-Razzett kulturali, Għaqda Filantropika Talent Mosti u sponsorjatha minn Green MT. L-attendenza għal din it-tnedija kienet waħda inkoraġġanti u li mliet bil-kuraġġ lill-membri tal-Kumitat.

Minbarra l-udjenza u l-parteċipanti, kien hemm ukoll il-preżenza tal-Onorevoli Dr Owen Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kif ukoll is-Sa Joan Mangion minn Valletta 2018. Il-mużika kienet imħollija f'idejn il-kantant Mario Debono li ta preżentazzjonijiet mużikali attwali u addattati għall-okkażjoni.

Minbarra d-diskors inawgurali tal-President tal-Assoċjazzjoni EspRimi, Dr Emmanuel Attard Cassar fejn fisser l-għanijiet kollha ta' din l-Assoċjazzjoni, għamel indirizz ukoll il-Ministru Dr Owen Bonnici, fejn mhux biss faħħar din l-inizjattiva, iżda awgura ħidma fejjieda u wiegħed l-għajnuna tiegħu u tal-Ministeru lill-Assoċjazzjoni f'dak li tkun tinħtieġ.

F'dik is-serata, ħadu sehem ukoll is-Sur Alfred Caruana Ruggier li tkellem dwar L-Arti Madwarna fejn ta espożizzjoni professjonali ta' x'inhi l-Arti inġenerali mżewqa minn eżempji u esperjenzi ta' artisti barranin. Is-Sur Charles Mifsud, bit-tema Esprimi Ruħek bil-Poeżija, qara silta mill-epika tiegħu dwar l-Assedju l-Kbir fejn ta deskrizzjoni poetika sabiħa tal-waqgħa ta' Sant Jiermu. Preżentazzjoni oħra kienet dik ta' Dr Mario Vincent Aloisio li ġiet ippreżentata mis-Sa Celine Ann Schranz minħabba li Dr Aloisio kien indispost, bit-tema L-Astronomija: L-Eqdem Xjenza Naturali fejn fiha bl-aktar mod interessanti u xjentifiku ġie mfisser l-univers inġenerali u l-galassji li jeżistu madwar is-sistema solari li jdawru l-galassja tagħna. L-aħħar preżentazzjoni saret mis-Sur Joe Attard, CEO tal-Green Mt bis-suġġett L-Immaniġġjar tal-Iskart fejn fisser fid-dettal l-importanza tal-ġbir tal-iskart u kif dan għandu jiġi mmaniġġjat. Is-serata ntemmet b-riċeviment fejn kulħadd, f'atmosfera ta' ħbiberija seta' jesprimi ruħu fuq dak kollu li ntqal.

Wara t-tnedija uffiċjali tal-Assoċjazzjoni EspRimi, imiss li tittella' Laqgħa Ġenerali fejn fiha jissieħbu l-membri prospettivi. F'dik il-Laqgħa, se jiġi approvat l-Istatut tal-Assoċjazzjoni kif ukoll jiġi maħtur uffiċjalment il-Kumitat il-ġdid. L-Assoċjazzjoni EspRimi tħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu l-kultura u l-kilba li jkun jaf aktar fuq dak kollu li jseħħ madwaru, biex dakinhar tal-Laqgħa Ġenerali jiġi, jissieħeb u 'l quddiem jagħti l-kontribut tiegħu biex din l-Assoċjazzjoni tikber, tinxtered u tagħti l-frott mixtieq.

***Il-Kumitat***

## ĠDID FL-AWSTRALJA — *ktieb ġdid ta' Manuel Casha*



Il-ħabib membru tagħna, Manuel Casha, qalilna li għall-informazzjoni tal-membri tagħna u għal dawk li huma nteressati li għadu kif ippublika ktieb ta' stejjer qsar li semmieh "GDID FL-AWSTRALJA". Dawn huma stejjer li kien ipprezenta fuq SBS Radio bħala sensiela.

Il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz ta' $10 għall-membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria.

Jekk ikun hemm xi ħadd li jkun irid jixtri kopja għandu jagħmel kuntatt b'email ma' Manwel Casha: manniec@optusnet.com.au

***Daħla tal-ktieb f'paġna 6***

# ĠDID FL-AWSTRALJA — *ktieb ġdid ta' Manuel Casha*

## *Daħla minn Joe Axiaq*

Huwa ta' pjaċir u ta' sodisfazzjon li, fi żmien meta l-komunità Maltija fl-Awstralja tal-ewwel ġenerazzjoni u l-attività tagħha, qegħdin litteralment imajnaw u jmutu, għandna f'idejna dan il-ktieb ta' Manwel Casha, kważi awtobijografija tiegħu u tal-komunità Maltija fl-Awstralja. Dawn huma stejjer u passaġġi, li jirrakkuntaw il-vjaġġ ta' żagħżugħ Malti, li ħalla Malta fis-snin sittin tas-seklu ieħor, biex jibda ħajja ġdida fl-Awstralja, kif kienu jagħmlu ħafna Maltin u Għawdxin f'dak iż-żmien. L-istejjer ilaqqgħuna mas-sitwazzjonijiet u l-karattri, li ltaqa' magħhom l-awtur, imma jolqtu lil kull Malti u Għawdxi fl-Awstralja, għax huma sitwazzjonijiet, li ltaqa' magħhom hu wkoll.

Bħala żagħżugħ ta' tmintax-il sena fl-Awstralja, Manwel Casha, kien iħares lejn l-Awstralja mhux biss mill-aspett ta' xogħol, imma wkoll bħala avventura ġdida. Dan mhux bħal maġġaronza tal-Maltin u l-Għawdxin f'dan il-kontinent, li ġew l-Awstralja biex jaħdmu u jaħdmu u jekk ikollhom ftit ħin liberu, kien biex jistrieħu, ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aktar overtime fil-fabbriki, jew jagħmlu xi xogħol fid-dar. U x'aktarx huwa dan l-ispirtu ta' avventura, li naraw il-ħajja ta' Manwel Casha fl-Awstralja differenti ħafna mill-ħajja tal-maġġoranza tal-emigrant fi żmienu. Kien jaħdem fl-uffiċċju, biex wara x-xogħol ikun jista' jkompli jimxi 'l quddiem fil-qasam tal-mużika, li baqgħet parti integrali minn ħajtu. Minkejja s-sens ta' avventura, il-karattru tal-emigrant Malti, li ġie l-Awstralja biex jaħdem u jistabbilixxi futur sigur għall-familja, ma ħalliehx jiddedika xogħlu kompletament għall-mużika, minħabba l-inċertezza li ġġib magħha.

Manwel Casha, seta' kellu karriera professjonali, fil-mużika popolari tas-snin sittin u sebgħin fl-Awstralja; huwa mużiċista u kompożitur ta' ħila, li ddedika ħafna minn ħajtu għall-mużika, waqt li qaleb ukoll għal studju u riċerka dawr l-għana Malti, daqq tal-prejjem Maltin u ġeneri oħra ta' mużika. Ħallielna wirt sħiħ ta' rekordings ma' għannejja u daqqaqa tal-kitrarri Maltin, li llum jinsabu fil-librerija nazzjonali ta' Canberra u l-ktieb, li ppubblika fl-2016, 'Maltese Traditional Music of Għana and Prejjem'. Dan minbarra r-rekordings fuq diski u CD's li jagħmlu wirt importanti mill-mużika Maltija.

Kienet il-mużika, li ressqet lil Manwel Casha lejn il-komunità Maltija fl-1975, meta beda x-xandir bil-Malti fil-Victoria. Diġà kien għamel ċertu isem fil-qasam tal-mużika popolari fl-Awstralja ma' gruppi mużikali bħal 'Life Sound Dimension' b'diski bħal 'The Face I Love'. Kien f'dan iż-żmien li ltqajt ma' Manwel Casha wara, li dħalt miegħu f'Ottubru tal-1975, biex nagħmlu programm għaż-żgħażagħ Maltin Awstraljani fuq Radio 3EA. Għalkemm Manwel Casha kellu jħalli dan il-programm wara ftit, minħabba l-impenji mużikali tiegħu, waqt li jien bqajt fix-xandir, f'aktar minn erbgħin sena, Manwel Casha, baqa' jikkontribwixxi fi programmi ta' mużika u letteratura tul dan iż-żmien kollu. Kien hemm żmien, meta kien reġa' daħal bħala xandar regulari u għal żmien twil ipproduċa t-taqsima tal-għana Malti.

'Ġdid fl-Awstralja' kienet sensiela li Manwel Casha, kien ippropronieli fl-2012. Kienet tixxandar fi programm, li kellna fuq l-SBS Radio, dak iż-żmien fis-7am. Għalkemm kmieni, is-semmiegħa kienu jqumu apposta biex jisimgħu storja wara l-oħra, li ħafna drabi kienet tlaqqagħhom ma' xi aspett tat-tluq tagħhom minn Malta u l-wasla tagħhom, fi Station f'Pier, f'Port Melbourne, bħall-istorja ta' 'Kalċidonn'. Hija ħaġa sabiħa, li għandna dokumentata din l-esperjenza ta' dawn in-nies u l-karattri, li niltaqgħu magħhom f'dan il-ktieb, għax dawn in-nies qegħdin iħalluna u t-tieni, it-tielet u issa r-raba' ġenerazzjoni ta' Maltin fl-Awstralja, ma esperjensawx u ma jistgħux jirrakkuntaw l-istejjer li qed jagħtina Manwel Casha.

Dan huwa ktieb interessanti wkoll għall-Maltin ta' Malta, li ħafna għandhom jifktakru, jew semgħu bil-mijiet ta' Maltin jitilqu lejn l-Awstralja. L-aħħar tifkira tagħhom hija, li jaraw il-vapur jitbiegħed minn Malta u l-istorja tieqaf hemm. 'Ġdid fl-Awstralja' jkomplu l-vjaġġ fl-Awstralja tal-Malti, wara li ħalla l-Port il-Kbir, b'dettalji u aneddoti kif wasal l-Awstralja, ta' dak li ltaqa' miegħu u ra, il-postijiet u s-subborgi fejn mar joqgħod u l-karattri u s-sitwazzjonijiet, anke bil-lingwaġġ Awstraljan.

Għad hemm l-idea f'Malta, li l-Maltin u l-Għawdxin kollha, li ġew l-Awstralja għamlu suċċess u saru sinjuri u wara t-tbatija u s-sagrifiċċji li għamlu, issa qegħdin jgħixu kunteni f'xi ġenna tal-art. Dan mhux il-każ. Bħal fil-każ ta' 'Stanislav' u 'Ronnie', għandna ħafna Maltin, jgħixu f'ħajja ta' iżolazzjoni u bi problemi ta' kull xorta. Stejjer bħal 'Il-Mara Liebsa l-Iswed' u 'L-Imgħallem' juru l-iżolazzjoni ta' ħafna emigranti minn kull rokna tad-dinja, speċjalment jekk ikunu nieqsa mill-Ingliż u jispiċċaw jiddependu minn uliedhom. Feliċ, li f'Malta kien magħruf bħala 'L-Imgħallem' għax-xogħol tal-injam tiegħu spiċċa jċekċek jagħmel ftit xogħol, li kien ibigħ quddiem id-dar fl-Awstralja; kellu xi jgħid ma' ibnu u spiċċa Queensland ma' bintu.

Dawn huma stejjer ħfieħ u mexxejja, li tista' taqra waħda waħda jew f'daqqa. Jolqtu sewwa lil dawk li ħallew kollox warajhom f'Malta u f'Għawdex u lil dawk li tinterasshom il-ħajja tal-Maltin fl-Awstralja. Insibu l-aspett tal-ħajja Maltija fl-Awstralja, bħal fl-istorja 'Niltaqgħu Olympic Park' li fiha naraw kif kienu jiltaqgħu u jissoċjalizzaw il-Maltin, fi żmien meta l-assoċjazzjonijiet, il-festi u l-attivitajiet tal-Maltin kienu skarsi. F''Alaba' niltaqgħu mal-preġudizzji kontra dawk ta' ġilda skura f'pajjiż fejn il-'White Australia Policy' għadha rampanti tbaqbaq fil-qiegħ b'razziżmu, li anke l-ewwel Maltin fit-Tramuntana ta' Queensland, fil-bidu tas-seklu l-ieħor, iltaqgħu magħhom fil-qtugħ tal-kannamieli fil-qilla tax-xemx, li tirrendi l-ġilda Maltija skura ħafna. Fuq kollox niltaqgħu mal-attitudni pożittiva tal-Malti, li minkejja kollox ikompli jaħdem, jistinka biex jimxi 'il quddiem minkejja t-tbatija. Is-subborgi u l-postijiet bħal Richmond u Fitzroy qrib il-belt ta' Melbourne, kienu ċ-ċentru fejn kienu jmorru joqogħdu ħafna mill-emigranti, li kienu jaslu mill-Ewropa, bħal Maltin fis-snin sittin, minħabba x-xogħol fil-fabbriki.

Għadda ż-żmien u dawn l-emigranti stabbilew ruħhom u faddlu biżżejjed, biex jixtru dar akbar, bi ġnien imdaqqas, aktar 'il barra miċ-ċentru ta' Melbourne. L-ironija hija li llum dawn l-istess djar reġgħu saru mfittxija, jiswew il-miljuni mill-ħafna professjonisti, li jridu jgħixu u jaħdmu fil-belt ta' Melbourne. Min jaf kemm stejjer Maltin inkitbu f'dawn id-djar illum rinovati jilqgħu ġenerazzjonijiet ġodda, bi stejjer oħra differenti, li għad iridu jinkitbu.

